# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' April, 2001**

**Numru 9**

**App. Nru. 385/64**

**Leone Misrahi ghan-nom tieghu u tad-ditta "A. Misrahi & Sons" u b'digriet tat-3 ta' Gunju, 1974, l-Avukat Dr. Carmelo Agius u l-Prokuratur Legali John Privitera gew nominati kuraturi biex jidhru ghall-assenti Leone Misrahi.**

**vs**

**Antonio Camilleri, O.B.E., Controller of Customs u b'nota tal-25 ta' Mejju, 1965 Richard Soler bhala Controllur tad-Dwana, assuma l-atti ta' din il-kawza flok l-imsemmi Anthony Camilleri nomine, u b'nota tat-13 ta' April, 1970, Joseph Attard assuma l-atti ta' l-appell bhala Agent Kontrollur tad-Dwana.**

Din hi kawza illi bdiet oltre sitta u tletin sena ilu, fl-1964, li giet deciza definittivament fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili speditament fl-1966, u li

minn dak iz-zmien sallum baqghet pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti tistenna l-ezitu finali. Kawza li ttraxxinat inutilment, principalment minhabba n-nuqqas ta' interess da parti ta' l-appellant proprio et nomine, tant illi kif jidher minn dak li ser jigi riportat aktar 'l isfel, l-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili llamentat illi l-attur kien qieghed juri l-akbar disinteress fil-prosekuzzjoni tal-kawza li, skond kif jallega l-konvenut nomine, saret biss biex dan jimpedixxi l-bejgh ta' merkanzija li kienet zmien twil fl-istores ta' l-istess konvenut nomine bla ma l-attur qatt hallas id-drittijiet tal-maggazzinagg.

Dan in-nuqqas ta' interess assolut rifless fl-atti f'tentattiv wara l-iehor mill-istess attur proprio et nomine biex jikkomplika proceduralment l-iter processwali minghajr ma jipprovdi l-provi definittivi in sostenn tat-talbiet tieghu, wassal ghal sitwazzjoni fejn iz-zmien, it-traskuragni ta' l-istess attur, kif ukoll u mhux eskluz il-malamministrazzjoni da parti tal-konvenut nomine fil-kustodja ta' hwejjeg haddiehor, issarrfu fit-telfien komplet ta' kull prova certa li biha l-istess attur appellant seta' b'xi mod jikkwantifika t-talba tieghu. Bizzejjed jinghad li l-ahhar okkazzjoni fejn din il-Qorti inghatat xi forma ta' informazzjoni dwar il-prezenza ta' l-appellant f'Malta, kienet permezz ta' xhieda tal-P.S. 350 Louis Borg li ddepona fis-6 ta' Gunju, 1983, (vide fol 506 tal-process) biex informa l-Qorti illi l-appellant kien l-ahhar li telaq minn Malta fis-27 ta' Marzu, 1983 u minn dakinhar kien ghadu ma rritornax Malta.

Minn dak iz-zmien sal-lum din il-Qorti mhix informata dwar il-peregrinazzjonijiet ta' l-appellant, lanqas jekk hu kienx ghadu haj jew mietx, ghalkemm il-konsulent tieghu jafferma li ghadu haj. Zgur pero' li l-interess da parti tieghu personalment f'din il-kawza jidher li gheb ghal kollox ferm qabel is-sena 1983, anke naturalment, ghal ragunijiet li wiehed jifhimhom, il-kawza baqghet attivata. Bhal kull kawza ohra xi darba kellu wkoll jasal it-tmiem taghha u din is-sentenza hi intiza biex finalment tiddefiniha. Mhux lanqas b'sens ta' awtokritika, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ma tarax raguni ghaliex il-kawza ma kellhiex tigi definita snin ilu, bl-applikazzjoni tar-regoli ta' procedura li, fil-verita', kienu jimponu fuq il-Qorti atteggjament divers minn dak li thalli l-process jittraxxina sena wara l-ohra bla ebda sens ta' direzzjoni. Ta' dan l-istat ta' fatt jahti kulhadd.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax taghmel haga ohra hlief li tislet mill-process dawk l-elementi essenzjali biex iwassluha ghal decizjoni tal-mertu.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Din il-Qorti sejra tirriproduci s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Novembru, 1966, li minnha sar appell quddiemha mill-attur

proprio et nomine. Minn din is-sentenza jirrizultaw (a) it-talbiet attrici; (b) l-eccezzjonijiet ta' l-appellat nomine ghalihom; (c) id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li cahdet it-talba ta' l-attur bl-spejjez kontra tieghu.

"Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur previa kwalunkwe dikjarazzjoni opportuna u wara li jigu moghtija l-provvedimenti li hemm bzonn; peress illi l-attur iddeposita fl-Imhzen tal-Custom House merkanzija kif specifikata fid-dokument; u peress illi l-istess merkanzija kif specifikata fid-dokument; u peress illi l-istess merkanzija sofriet hsara rilevanti a causa tal-istat hazin li fih il-konvenut nomine zamm il-bini tal-istess stores, stante li bicca mis-saqaf sfronda, u peress illi bicca mill-kwantitajiet tal-merkanzija hekk depositata, oltre dik li baqghat tesisti, naqset mill-istess stores, talab illi 1) jigi konstatat id-dannu sofert mill-istess merkanzija, a causa ta' l-istess hsara kif ukoll constatata l-kwantita' ta' merkanzija ta' l-attur li ma ghadhiex tidher fl-imsemmi depositu, u li taghhom ghalhekk ghandu jigi dikjarat responsabbli lejl l-attur l-istess konvenut (2) jigi likwidat l-ammont dovut lill-attur mill-konvenut sija tal-istess hsara kemm ukoll tad-deficjenza (3) jigi l-konvenut kundannat ihallas lill-attur is-somma li tigi hekk likwidata, occorrendo permezz ta' perit, bl-imghax u bl-ispejjes tal-gudizzju;

Rat id-dikjarazzjonji tal-attur u n-nota tax-xiehda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha jghid illi l-prezenti azzjoni saret unikament peress illi l-esponent kien sa jghaddi ghall-bejgh ta' diversi oggetti u merkanzija tal-attur illi kien ilhom zmien twil fl-istores ta' l-esponent bla ma l-attur qatt hallas id-drittijiet tal-magazzinagg, u dana skond is-setghat moghtija lill-esponent bl-art. 35 tal-Ligi tad-Dwana (Kap.60); illi d-domanda hija infondata fil-fatt u fid-dritt: il-Merkanzija tal-attur kienet ma' merkanzjia ta' importaturi ohra u kawtelata bl-istess mod – biss, kif ilhom jafu l-partijiet, f'dawk l-istores imsejhin ta' Forni, fejn hemm storjata parti mill-merkanzija ta' l-attur kien waqa' parti mis-saqaf fl-1954/55, u kif ilhom jafu l-partijiet, id-danni ikkagunati lill-merkanzija ta' l-attur kienet tammonta ghal dsatax-il lira erbatax il-xelin u hames soldi (L19.14s.5d) id-drittijiet tal-magazzinagg pero', dovuti mill-attur joltrepassaw l-ammont ta' elf lira (L1000) u kien pacifiku bejn il-partijiet illi kien

futili illi jithallsu dawk id-danni meta l-esponent kellu jithallas somma hekk rilevanti ghall-magazzinagg tal-merkanzija;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine u n-nota tax-xiehda tieghu;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Dicembru 1965;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Semghat l-Avukati,

Ikkunsidrat,

Li bid-digriet fuq riferit tal-11 ta' Novembru, 1965 kien gie nominat, a spejjez provvisorjament ta' l-attur, bhala perit espert, Joseph Camilleri, biex jikkonstata l-kwantitativ u l-kondizzjoni tal-merkanzija qabel ma tigi trasportata mill-Forni Bonded Stores ta' Marina Pinto.

Li, b'digriet iehor tat-8 ta' Jannar, 1966, minhabba d-diffikolta' minnu riskontrata, il-Qorti ordnat lill-perit jippresenta r-relazzjoni preliminari fejn jindika dettaljatament il-merkanzija kollha ta' l-attur fejn kienet tinsab allura u jiddikjara kull diffikolta' li jista' jiltaqa maghha biex ikun jista' jaghmel ir-rapport dettaljat fuq il-kontenut ta' l-istess merkanzija u jaghmel dawk l-osservazzjonijiet kollha li jidhirlu dwar nuqqas ta' l-istess merkanzija dovut ghal xi perforazzjonijiet fl-istess drums jew ragunijiet ohra.

Li l-perit gudizzjarju pprezenta r-rapport fil-5 ta' Frar, 1966.

Li fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 1966 deher personalment l-attur u ddikjara li jaf kemm huwa d-dritt tar-rapport u li jixtieq jitlob ritassa.

Li, il-Qorti, b`digriet tat-2 ta' April, 1966 ipprefiggiet lill-attur erbat ijiem zmien biex jekk jidhirlu, jipproduci r-ragunijiet tieghu skond il-ligi ghar-ritassa.

Li l-attur b'nota tal-24 ta' Marzu 1966 talab li tigi riveduta u ridotta t-tassazzjoni tad-dritt tal-perit gudizzjarju.

Li l-attur ma ssottometta ebda ragunijiet validi biex it-tassazzjoni fuq imsemmija tigi modifikata, u allura l-Qorti b'digriet tal-5 ta' Novembru, 1966, wara li hadet konjizzjoni tar-rapport ghall-fini

biss tar-rivsioni tad-dritt taxxat lill-perit gudizzjarju cahdet it-talba, u ddifferiet il-kawza ghall-ahhar darba, ghas-seduta tal-lum, ghall-pagament tar-rapport.

Li l-Qorti giet informata li r-rapport ghadu mhux imhallas; u sadanittant l-attur anqas ma huwa qieghed jidher, u qieghed juri l-aktar disinteress fil-prosekuzzjoni ta' dina l-kawza, li skond kif jallega l-konvenut nomine saret biex jimpedixxi l-bejgh ta' diversi merkanzija ta' l-attur, illi kienet ilha zmien twil fl-istores tal-konvenut nomine bla ma l-attur qatt ma hallas id-drittijiet ta' magazzinagg.

Li, ghalhekk, wasal il-mument li l-kawza tigi deciza, minghajr il-perizja, bil-konsegwenza li, trattandosi ta' perizja teknika, l-attur qisu ma pprova xejn, ghaliex hemm konflitt serju u rilevanti dwar ir-rispettivi pretensjonijiet tal-kontendenti; u n-nuqqas ta' dina l-prova tinfluixxi b'mod determinanti fuq l-ezitu tal-kawza.

Li kif gie ritenut minn dina l-Qorti fil-kawza "Ronald Soler vs. John Scott", deciza fil-25 ta' Mejju, 1966 l-art. 670 tal-Procedura Civili ghandu jigi osservat "ad unguem", sabiex l-iskop tal-perizja ma jigix frustrat mill-kapricc jew l-inkurja tal-parti, u l-amministrazzjoni tal-gustizzja intralcjata.

Li ghal dina r-raguni ta' ordni eminentement pubbliku, il-ligi tat lill-Qorti l-fakulta' li tiddeciedi l-kawza minghajr il-perizja, jew indipendentement mill-provi migjubin quddiem il-perit, meta fost kazijiet ohra (incis "C" artiklu fuq citat) ma jkunx gie mhallas jew depositat id-dritt taxxat lill-perit (Kollez. XX, II 463; XXI, II, 140; XXXVI, III, 641);

Li f'kaz bhal dana l-Qorti ma tistax tillibera mill-osservanza tal-gudizzju, ghaliex "quando l-attore non prova nel merito, il convenuto secondo la legge deve essere assolto in modo difinitivo ed anche finale, e non gia per via di una sentenza liberatoria dal'osservanza del giudizio (Kollez XXCII, I 972).

Ghal dawna l-motivi

Tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-attur b-ispejjes kontra tieghu".

**L-aggravju**

L-aggravju ta' l-attur proprio et nomine fil-perspett fir-rikors ta' l-appell hu dan:

(1) li l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza minghajr ma tat l-opportunita' lill-attur li jgib il-provi tieghu fil-mertu, u dan meta kienet taf li l-attur jinsab barra minn Malta, u fi kwalunkwe kaz l-ewwe Qorti kien messha almenu laqghet it-talbiet ghas-somma ta' L19.14.5 li hi ammessa mill-konvenut nomine;

(2) l-unika raguni li giebet l-ewwel Qorti biex tiddeciedi l-kawza hija dik li rapport ipprezentat fil-5 ta' Frar, 1966 ma giex mill-attur imhallas. Fil-fatt pero' n-nomina ta' espert f'dak l-istadju tal-kawza ma kien xejn ghajr att konservattiv maghmul fuq insistenza ta' l-istess attur ghaliex il-merkanzija kienet ser tinbiegh mill-Gvern. Konsegwentement il-fatt illi l-attur ma hallasx ir-rapport peritali kien ifisser biss li l-Qorti kien messha bdiet tisma' il-kawza fil-mertu.

(3) Lanqas kienet gusta d-decizjoni tal-Qorti illi cahdet id-domandi ta' l-attur bl-ispejjez kollha kontra tieghu. Dan ghaliex kif inghad parti mill-mertu, l-ammont ta' Lm19.14.5 kienet ammessa mill-konvenut. Sostna li l-Gvern ma hallsux lill-appellant ghaliex jippretendi li kellu jiehu ferm aktar minn ghandu, "Imma l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-

kwistjoni tal-kompensazzjoni, jekk dan setghet taghmlu f'din il-kawza, u allura kien messha almenu akkordat it-talba ghas-somma msemmija.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-14 ta' April, 1967.**

B'sentenza ta' l-14 ta' April, 1967, din il-Qorti ddecidiet l-appell in parte kif gej:-

> "Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet it-trattazzjoni u kkunsidrat.
>
> Bin-nota tieghu tat-13 ta' Marzu, 1967 l-appellat eccepixxa illi l-azzjoni ezercitata mill-appellant hija preskritta bil-gheluq ta' sentejn skond l-artikolu 2258 tal-Kodici Civili, u bin-nota ulterjuri tas-17 ta' Marzu, 1967 l-istess appellat, minghajr pregudizzju ta' dik il-preskrizzjoni, eccepixxa illi, in kwantu l-allegata hsara tista tkun dovuta ghal kolpa kontrattwali, t-talbiet ta' l-appellant huma preskritti bid-dekorriment ta' hames snin skond l-artikolu 2261(f) ta' l-istess Kodici.
>
> It-talbiet ta' l-appellant skond ic-citazzjoni huma ghad-danni u huma ibbazati fuq l-allegazzjoni duplici, cioe' (a) illi l-merkanzija depositata minnu fl-imhazen tad-Dwana gratilha hsara, u (b) illi bicca mill-merkanzija naqset mill-istess imhazen.
>
> Il-Qorti jidhrilha illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellat ghandha tigi ikkunsidrata separatament ghal kull wahda minn dawk iz-zewg kawzalijiet.
>
> In kwantu t-talba ta' l-appellant hi bbazata fuq il-kawzali ta' hsara fil-merkanzjia il-Qorti hi ta' fehma illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi fondata u ghandha tigi milqugha kif ser jinghad. Apparti minn jekk hiex vera, bhala fatt il-pretensjoni ta' l-appellant illi l-hsara grat minhabba it-traskuragni jew il-htija ta' l-appellat fil-konservazzjoni tal-merkanzija, milli pjuttost minhabba l-istess tal-merkanzija stess bhala qadima u n-nuqqas ta' l-istess appellat li jiehu hu kura taghha kif jidher li gie ripetutament interpellat biex jaghmel, mill-process jirrizulta illi l-kawza

principali u dekriminanti tal-hsara allegata l-appellat jaghmilha tikkonsisti fil-fatt illi s-saqaf tal-mahzen fejn il-merkanzija kienet magazzinata waqa. Jigifieri l-appellant, specifikatament, jallaccja l-pretensjoni tieghu fuq dan il-kap ma event partikolari li minnu iqis li originat l-azzjoni tieghu ghad-danni. Il-waqa tas-saqaf tal-mahzen tinsab mhux biss imsemmija fic-citazzjoni izda ukoll fid-dikjarazzjoni annessa maghha u ribadita fir-rikors tieghu fol. 31 li jibda appuntu bil-kliem "li l-merkanzija li giet danneggiata ghax waqa' s-saqaf ta' l-istore……………."

Issa m'hemmx kwistjoni illi s-saqaf ta-mahzen, cioe' "Forni" bounded-store, waqa f'darbtejn bejn l-1954 u l-1955 cioe' mad-9 snin qabel ma saret ic-citazzjoni fil-kawza prezenti, u b'dak l-accident kif jaf l-appellant ghax gie anki avzat.

Assumendo, ghal-finijiet biss tad-decizjoni ta' l-eccezzjoni in diskussjoni, illi l-accident gara bi htija ta' l-appellat u li kwindi hu kien responsabbli tal-hsara sofferta fil-merkanzija ta' l-appellanti bhala konsegwenza, il-Qorti mhix tal-fehma illi l-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' sentejn li tirrigwarda d-danni dovuti ghall-kwazi delitt.

Il-Qorti tahseb li ghandha tkun applikata ghall-kaz il-preskrizzjoni ta' hames snin u dana peress illi ghalkemm bejn l-appellant bhala sid il-merkanzija, u l-appellat bhala Kollettur tad-Dwana ma jistax jinghad li hemm relazzjoni verament kontrattwali, il-kaz jista ghall-finijiet taz-zmien rikjest ghall-preskrizzjoni jigi assimilat ghal dak ta' depozitu.

Ga gie rilevat fil-bidu illi t-talba ta' l-appellant hi ghall-hlas ta' danni cioe' ta' kreditu li hu jivvanta b'dak it-titolu u ghalhekk, fin-nuqqas ta' disposizjoni li jolqot il-pretensjoni tieghu bi preskrizzjoni aqsar, l-azzjoni tieghu taht il-kap in kwistjoni, hi kolpita bil-preskrizzjoni ta' hames snin skond l-artikolu 2261(f) tal-Kodici Civili. Din il-preskrizzjoni tinsab maghluqa u ma giet pruvata ebda sospensjoni jew interruzzjoni taghha. Id-dokument fol. 21 li hu kopja ta' statement tad-danni sofferti mill-appellant bil-kollass tas-saqaf m'hu ebda ammissjoni ta' responsabbilita imma hu biss konstatazzjoni u 'record' ta' l-entita' tal-hsara sofferta kif registrata u kolkolata mid-Dipartiment: u, fi kwalunkwe kaz dak id-dokument jidher li sar bejn wiehed u iehor fl-istess epoka ta' meta waqa s-saqaf cioe' wisq izjed minn hames snin qabel bdiet din il-kawza.

S'hawnhekk dwar it-talbiet ta' l-appellant in kwantu bazati fuq il-hsara allegatament kagonata lill-merkanzija ta' l-appellat.

Rigward dawk it-talbiet in kwantu ibbazati fuq l-allegat nuqqas ta' partiti ta' merkanzija, il-Qorti ma jidhriliex li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, sia dik ta' sentejn u sija dik ta' hames snin, tista' tigi milqugha, se non altro ghaliex m'hemmx fil-process terminu "a quo" li ghalih iz-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni jista jigi relatat. Assumendo hawn ukoll, ghall-finijiet biss ta' din id-decizjoni, li tassew xi oggetti minn dawk magazzinati mill-appellant naqsu (per ezempju b`serq, jew telfin fit-trasport) u li ta' dan jista jinzamm responsabbli l-appellat, b'dana kollu jibqa fatt illi m'hux maghruf iz-zmien li fih dawk l-oggetti naqsu. L-appellant anki qal (fol.114) illi anki mill-merkanzija li dahhal fil-Fornii stores fl-1963 u 1964 "naqsu diversi artikoli". Inoltre l-obbligazzjoni ta' l-appellat li jikkonsenja l-merkanzija magazzinata hi obbligazzjoni ta' natura kontinwa sa l-konsenja. Jigi sottolineat, biex ma jkunx hemm ebda ekwivoku illi l-Qorti hawn qed tirreferixxi ghal merkanzija li l-appellant jallega li naqset cioe' ghal merkanzija li talvolta tirrizulta li spariet, kif ga intqal, minhabba serq jew teflien taghha, u mhux ghall-merkanzija li naqset fil-volum jew fil-kwantitativ minhabba li evaporat, jew skulat jew giet distrutta bhala konsegwenza tal-hsara kagunata bil-waqa' tas-saqaf, liema danni ghandhom kollha jitqiesu li huma koperti bl-ewwel parti ta' din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi billi (a) in kwantu t-talbiet ta' l-appellant huma ibbazati fuq il-hsara allegatament sofferta mill-merkanzija tieghu, tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn opposta mill-appellat izda tilqa dik ta' hames snin u "pro tanto" tichad it-talbiet ta' l-appellant;

(b) in kwantu t-talbiet ta' l-appellant huma ibbazati fuq in-nuqqas allegat tal-merkanzija fis-sens hawn fuq imfisser tichad l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni u tordna li l-kawza titkompla fil-meritu.

L-ispejjez ta' din is-sentenza jibqghu minghajr taxxa".

Il-kawza tkompliet tigi trattata quddiem din il-Qorti. Minn hemm bdiet il-matarona processwali li rrizultat ghal kollox inutili u futili biex tigi kwantifikata gudizzjarjament il-pretensjoni ta' l-attur. Maratona li bdiet b'direzzjoni soda tal-Qorti bi struzzjonijiet specifici x'kellu jsir biex jigu

stabbiliti l-fatti. Direzzjoni li eventwalment tul is-snin sfumat fix-xejn b'sens ta' ezasperazzjoni u frustrazzjoni dwar l-impossibilita' li tali ricerka tigi posittivament konkjuza. L-attur proprio et nomine baqa' jipproduci statement wara l-iehor, puntwalment kontestat mill-konvenut appellant, li f'kull kaz jaghtu indikazzjoni ta' kwantitajiet ta' merkanzija allegatament f'xi zmien fil-kustodja tal-konvenut nomine minghajr ebda indikazzjoni certa ta' valuri u minghajr ebda prova konkluziva jekk tali merkanzija in toto jew in parte, kienetx baqghet f'idejn u taht il-kustodja tal-konvenut.

Din ir-ricerka, biex tistabilixxi l-fatti, din il-Qorti ttantat necessarjament taghmilha permezz tan-nomina ta' perit gudizzjarju bl-inkarigu biex jivverifika jekk kienx jezisti n-nuqqas fis-sens kjarifikat fis-sentenza precedenti ta' merkanzija kif allegat mill-appellant. Ghal dan il-fini nnominat bhala perit lil Joseph Camilleri, b'digriet tat-8 ta' Jannar, <u>1968</u>. Fir-relazzjoni tieghu dan il-perit kien hekk irrelata inter alia: "li l-konkluzzjoni hija li stante n-nuqqasijiet reklamati mill-attur taht A, C, D u E ma setghux jigu ppruvati la minn dokumenti, la minn xhieda u lanqas minn checking. Tara din il-Qorti hijiex accettabbli l-verifika kif tidher hawn taht (aktar 'l isfel fir-relazzjoni) maghmula mill-konfront ta' dokumenti fil-process li jaghtu l-informazzjoni migbura fil-prospett ma' din ir-relazzjoni ghal dan ir-rizultat".

Il-Perit Gudizzjarju ghadda mbaghad biex ghamel apprezzament tad-dokumenti li, ex admissis, ma kienx relatat ma' verifika fattwali tal-merkanzija allegatament fil-kustodja tal-konvenut nomine u li ma kienet taghti l-ebda indikazzjoni ta' valuri. L-appellant proprio et nomine ma kienx sodisfatt b'din ir-relazzjoni. Ma accettax il-konkluzzjonijiet tal-Perit Gudizzjarju u talab in-nomina ta' periti addizzjonali. Talba li din il-Qorti laqghet b'digriet ta' l-1 ta' Marzu, 1969. Minn dakinhar il-quddiem il-kawza giet kompletament arenata u ma sar pratikament l-ebda progress nonostante tibdil minn zmien ghal zmien fin-nomina tal-periti perizjuri.

L-ahhar grupp ta' periti kienu l-Avukat Dr. Aldo Vella, Alfred Ciappara u Henry England li fit-3 ta' Dicembru, 1982 ghamlu s-segwenti rikors quddiem din il-Qorti:-

> "Illi skond id-digriet tan-nomina taghhom (fol. 288 tal-process) l-esponenti kellhom jirrappurtaw lil dina l-Onorabbli Qorti jekk jaqblux mal-konkluzjonijiet tal-Perit Giudizziarju Joseph Camilleri, u jekk ma jaqblux jghidu f'hiex u ghal liema raguni.
>
> Illi l-esponenti in esekuzzjoni ta' l-inkarigu taghhom zammew diversi seduti u anke l-accessi mehtiega.
>
> Illi huma ezaminaw ukoll ir-relazzjoni tal-Perit Giudizziarju Joseph Camilleri a fol. 224 et seq. tal-process, fejn 'interalia' jinghad illi 'jidher bic-car li mhabba n-nuqqas ta' informazzjoni huwa impossibbli illum issir konciljazzjoni u verifika bejn dhul/bilanc ta' merci u merci esistenti.
>
> Illi l-inkarigu ta' l-esponenti huwa proprio li jirrevedu l-verifiki maghmulha mill-perit giudizziarju precedenti sabiex jigu accertati n-nuqqasijiet lamentati mill-appellanti.

> Illi pero' meta l-esponenti fattwalment ipprovaw jestendu r-relazzjoni taghhom sabu ruhhom fl-impossibilita' li jghamlu u jirrevedu l-verifiki necessarji peress li fil-mori ta' din il-kawza (kif del resto kien gie rilevat mill-appellant) "il-konvenut ghadda biex iddispona min proprieta' li hija s-suggett tal-kawza stess". Alitrimenti, fl-opinjoni tal-esponenti il-provi migbura u d-documenti esibiti fil-process ma humiex sufficienti sabiex huma jghaddu ghar-relazzjoni taghhom, fin-nuqqas fattwali tal-merkanzija innifisha (sottolinejar tal-Qorti).
>
> Illi ghalhekk fic-cirkostanzi l-esponenti jhossu li huma impossibilatati li jesegwixxu sodisfacentement l-inkarigu lilhom mghoti min dina l-Onorabbli Qorti.
>
> Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jghogobha in vista tal-premess, tghati kull provvediment necessarju u opportun ghal kaz, sabiex l-esponenti jkun jistghu jirregolaw ruhhom konformement".

Ghal dan ir-rikors l-attur proprio et nomine irrisponda li hu jaqbel ma' dak li ssottomettew il-periti perizjuri. Dak l-istat ta' fatt kien responsabbli ghalih unikament il-konvenut nomine li kien id-depozitarju ta' l-oggetti u bhala tali kien obbligat jiehu hsieb li kollox jigi preservat kif imiss, kif jiddisponu l-artikoli 2001 u 2002 tal-Kodici Civili. Konsegwentement il-perit addizzjonali kellhom jiehdu bhala provat dak li allega l-istess attur proprio et nomine "ghaliex meta parti minhabba n-negligenza tal-parti l-ohra tigi pprivata mill-mezz idoneju li taghmel l-ahjar prova, allura l-ahjar prova taghha ghandha titqies li hija dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur".

Wara dan il-process jipprezenta skiet perfett ghal hafna snin, sakemm fit-28 ta' Novembru, 1989, gie verbalizzat (a fol 538) illi "B'riferenza ghar-rikors tal-periti addizzjonali…………………Dr. A. Barbara, flimkien

ma' Alfred Pace prezenti fl-Awla, il-Kontrollur tad-Dwana, jiddikjaraw li jaqblu illi l-proprjeta' li hija soggetta tal-kawza prezenti giet mibjugha mill-istess dipartiment ai termini ta' l-Art. 35 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, illum Kap 37. Dan il-bejgh sar f'Awissu, 1974". Dan ifisser 15-il sena qabel. Naturalment hadd ma deherlu li kellu jinforma lill-Qorti b'din ic-cirkostanza rilevanti u lanqas sar ebda tentattiv min-naha ta' xi parti biex jilluminaw lill-Qorti x'inbiegh, xi procedura giet adottata fil-bejgh, x'kien ir-rikavat ta' dak il-bejgh u x'gara mill-fondi hekk akkwistati. Hadd ma jidher li ghaddielu mill-anti-kamera ta' mohhu li din l-informazzjoni setghet tkun rilevanti ghad-determinazzjoni tal-kawza. Setghet tinteressa lill-attur proprio et nomine inkwantu kienet tghinu biex jiskopri x'gara mill-proprjeta' tieghu u tinteressa lill-konvenut nomine jekk xejn bhala mezz biex tillimita r-responsabilita' tieghu. Gara pero' li allarmati bl-izviluppi li sehhew u rinfaccjati bl-impossiblita' li jippruvaw it-tezijiet rispettivi taghhom, il-kontendenti ttantaw jittransigu l-kawza. Naturalment regghu ghaddew is-snin.

Il-Qorti kif issa presjeduta, fi sforz biex tikkonkludi l-process, ma' l-ewwel opportunita' talbet li tkun aggornata dwar il-fatti li graw, wara r-rikors tal-periti addizzjonali ta' l-1982 fuq riportat, u fil-verbal ta' l-10 ta' Ottubru, 1995, iddirigiet lill-partijiet li jaghmlu nota konguntiva dwar dan. Il-Qorti giet eventwalment informata lakonikament li n-nota konguntiva ma setghetx issir u l-Qorti awtorizzat lill-avukati jaghmlu nota separata

f'dan ir-rigward. Effettivament fil-5 ta' Frar, 1996 il-konsulent legali ta' l-attur appellant ghamel nota li biha, ai termini ta' dak il-verbal indika l-figura ta' Lm2,500 bhala l-valur ta' danni inkluz f'dan il-valur tal-merkanzija li giet distrutta mill-konvenut appellat waqt id-dekors tal-kawza. Sic et simpliciter. Il-Kontrollur appellat irrisponda li huwa jirrifjuta bhala nfondata l-istima sottomessa mill-attur stante li l-oggetti distrutti kienu fil-fatt bla valur u kienu qeghdin jokkupaw spazju b'telf ghall-istess appellant inutilment.

F'seduta sussegwenti l-avukat ta' l-appellant informa lill-Qorti li l-kwantifikazzjoni tad-danni li kien ghamel bin-nota appena citata, kienet ibbazata fuq il-lista ta' l-oggetti li kienu indikati f'dokument esebit a fol. 54 tal-process. Dan il-prospett kien gie esebit b'nota tal-konvenut appellat tat-2 ta' April, 1966 f'wahda mill-ewwel seduti quddiem il-Prim'Awla meta din kienet qed tipprova tikkwantifika l-pretensjoni attrici.

Din il-Qorti, fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 1996, iddifferiet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta' lill-partijiet li jaghmlu noti. Fakolta' ripetutament imgedda, w n-noti kif wiehed seta' jistenna ma sarux, u l-kawza thalliet tittraxxina sal-lum f'hogor il-qorti ghad-decizjoni.

Minn din ir-rassenja ta' l-iter processwali din il-Qorti ma tistax taghmel haga ohra hlief tikkonstata s-segwenti u minn dan tislet il-konkluzzjonijiet inevitabbli:-

1) It-talba ta' l-attur nomine hi li jigi kkonstatat id-dannu soffert fil-merkanzija tieghu a kawza tal-hsara konsegwenza ta' l-istat hazin li fih il-konvenut nomine zamm il-bini ta' l-istess stores, stante li bicca mis-saqaf tieghu sfronda, u oltre dan, kienet naqset ukoll kwantita' minn din il-merkanzija depozitata f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana. L-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, apparti dawk tal-preskrizzjoni li gew michuda bis-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-14 ta' April, 1967, bl-ebda mod ma kienu jikkontestaw ir-responsabilita' ghall-hsara materjali li grat. Infatti fl-eccezzjonijiet hemm ammess illi kien waqa' parti tas-saqaf ta' l-istores fejn kienet storjata l-merkanzija fil-kustodja tal-Kontrollur tad-Dwana. Il-htija li sehh dak il-fatt zgur ma tistax tigi addebitata lill-appellant nomine, u l-appellat nomine fl-ebda mument ma jadduci xi skuzanti accettabbli ghal dan il-fatt li kjarament ikkawza hsara mhux biss ghall-merkanzija ta' l-attur proprio et nomine, imma wkoll ta' negozjanti ohra. Il-Qorti ma tirrizultalhiex allura kontestazzjoni serja fir-rigward tar-responsabilita' ghall-akkadut.

Mill-banda l-ohra tirrizulta kontestazzjoni qawwija fir-rigward tar-responsablita' ghall-pagament ta' dak l-ammont mitlub propju ghaliex il-

konvenut nomine jikkontendi illi una volta l-appellant proprio et nomine qatt ma hallas id-drittijiet tal-maggazzinagg dovuti skond il-ligi, u dan l-ammont kien jizboq bil-qawwa l-ammont ta' danni realment skond hu sofferti, hu ma kellux jigi kundannat ihallas meta kien hu stess ovvjament kreditur. Infatti fl-eccezzjonijiet originali, l-appellat nomine iddikjara illi s-somma dovuta f'maggazzinagg kienet teccedi l-Lm1,000, filwaqt li d-danni subiti fil-merkanzija ta' l-attur kienet tammonta ghal L19.14.5. Jidher allura li sa' mill-20 ta' Novembru, 1967, il-kontendenti u din il-Qorti kienu interessati biss fil-kwantifikazzjoni ta' dawn id-danni u li l-materja tar-reponsabilita' kienet sostanzjalment ammessa. Dan iwassal ghall-konkluzzjoni li l-ewwel talba attrici kellha tigi milqugha.

2. It-tieni talba attrici hija biex din il-Qorti tillikwida l-ammont dovut lill-attur mill-konvenut sia tal-hsara fil-merkanzija kif ukoll ta' deficjenza. Talba li timplika determinazzjoni ta' somma ta' flus li tirrapprezenta l-valur tal-merkanzija in kwistjoni. Fl-istat tal-provi quddiemha din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tasal ghal gudizzju oggettiv u fondat dwar il-konsistenza tal-merkazija u wisq anqas tal-valur taghha. Infatti, imkien fl-ebda mument tul is-36 sena li fiha karkret din il-kawza ma qatt gie mill-attur indikat, anke b'mod approssimattiv, x'kienet rejalment tiswa' din il-merkanzija. Kjarament din il-Qorti ma tistax semplicement tistrieh fuq pretensjoni azzardata maghmula b'nota li ma kienet bl-ebda mod relatata mal-fatti provati. Multo magis f'sitwazzjoni fejn il-kontro-parti

qeghda mhux biss tikkontesta l-quantum, imma wkoll qeghda addirittura tippretendi li l-merkazija kollha kienet bla ebda valur u f'kull kaz, fiz-zmien meta pprezentat n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha, u meta allura c-cirkostanzi tal-kawza kienu ferm aktar sentiti u apprezzati mil-lum, id-danni subiti, skond il-konvenut appellat, kienu biss L19.

Din il-Qorti tinnota wkoll illi l-prospett a fol. 54 tal-process li fuqu l-appellant ibbaza l-kalkoli tieghu ghar-rizarciment tad-danni fis-somma ta' Lm2,500 kien gie punt punt kontestat mill-konvenut nomine f'nota ipprezentata kontestwalment. Dawn l-oggezzjonijiet, del resto bhall-istess prospett, ma gew qatt mill-partijiet investigati. Il-Qorti thalliet fis-sitwazzjoni li tipprova tislet il-verita' minn cirkostanzi ta' nebolozita' perfetta fejn ic-certezza, anke relattiva kienet irraggungibbli. Il-Periti minnha nominati gustament waslu ghall-konkluzzjoni li ma kienx possibbli naturalment minghajr l-assistenza tal-kontendenti li kienu obbligati li jippruvaw it-tezijiet rispettivi taghhom, li jaslu ghall-konkluzzjoni definittiva. Dana anke meta l-merkanzija kienet ghadha in loco u ma kienetx inbieghet mill-konvenut nomine. Una volta l-likwidazzjoni ma setghetx issir posittivament, u konsidrat il-fatt tad-diskrepanza enormi bejn il-valur ta' danni kif rikonoxxut mill-konvenut nomine, il-pretensjoni attwali ta' l-attur appellant u n-nuqqas ta' prova li fuqha l-Qorti tista' tasal ghall-gudizzju, ma kienx il-kaz u lanqas kien possibbli, li din il-Qorti taghmel likwidazzjoni ekwitattiva tal-pretensjoni

ta' l-attur. Tali likwidazzjoni tkun ghal kollox azzardata u bla bazi gjuridika. Kellu allura japplika, sa fejn possibbli u gust, il-principju actore non probante reus absolvitur. Dan anke jekk jigi applikat il-principju sottomess mill-appellant nomine illi f'cirkostanzi tal-kaz kienu jimponu fuq il-Qorti li tacceta d-dikjarazzjoni ta' l-appellant proprio et nomine fir-rigward tal-hsara minnu reklamata, propju ghaliex il-provi ta' l-istess attur bl-ebda mod ma jghinu lill-Qorti biex tiddetermina l-valur tal-merkanzija.

3. Il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni allura li l-uniku fatt cert in rigward ta' valur huwa dak indikat a fol. 21 tal-process f'dikjarazzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana naturalment bil-valuri ta' meta sehhet il-hsara f'1954 u 1955. Din in-nota taqra hekk:-

> "Damages to stores suffered by various owners in the collapses of roofs in 1954 and 1955
>
> ---------------------------------
>
> In 1954 - Messrs A.Misrahi suffered the loss of 53 Cartoons Pudlo Water Proofing cement - valued – L4.5.5
>
> These were recovered from under the debris torn and contents collected in various containers. In the process of recovery it was found taht the Pudlo had got mixed with dust from the debris.
>
> ---------------------------------------------------------------------------------
>
> In 1955 - Messrs. Misrahi & Pace suffered the loss of 4 drums x 40 glls. Sperm Oil. These were recovered from under the debris empty valued L3.13.6. These 4 drums were part of a parcel of 18 drums transferred from Paola Hill store to Fornii bonded stores on 11/4/55.

Some loss of oil might have also been suffered while the remaining 14 drums were being transferred from Fornii store No. 7 to Fornii store No. 5, by the P.W.D. But it has to be noted taht the owners has been informed of the bad state, and the leakage of drums on 21/7/54, 13/12/54. 22/3/55. 5/10/55, 22/12/55. 5/6/56, 28/8/58.

Now hardly any il remains in these drums.

-----------------------------------------------------------------------------------

Messrs. A. Misrahi Sons suffered the loss of 60 drums x 5 glls Antifreeze Oil value L11.15.6. These were part of a parcel of 400 drums recovered from under the debris, a few were recovered also leaky. But the owners had been informed of the bad state and leakings of the whole parcel on 29/7/55, as also on 12/12/55 after the recovery".

Dan il-prospett jaghti indikazzjoni konkreta tal-valur li kellhom jittiehdu li kienu realistikament jirriflettu l-prezzijiet tax-xorta ta' merkanzija mertu tal-kawza. Din il-Qorti sejra tibbaza ruhha fuq dak l-ammont ammess mill-konvenut nomine u arbitrio boni viri timmoltiplikah b'hamsa, inkwantu mill-istess prospett jirrizulta illi kwantita' sostanzjali ta' merkanzija kienet giet mirduma meta kkollassa s-saqaf. Dan iwassal il-Qorti biex tiddetermina l-ammont tal-valur tal-merkanzija li ghaliha kellu jirrispondi l-konvenut nomine bhala depozitarju fis-somma arrotondata ghal Lm100.

Konsidrat l-izvalutar tal-flus tul is-snin mill-1954 sal-lum il-Qorti kienet certament tillikwida ammont sostanzjalment akbar mis-somma ta' Lm100 appena determinata. Pero' din il-Qorti ma tistax ma tiehux kont tal-fatt li l-attur appellant kien daqs il-konvenut appellat hati ghal dewmin inordinat fil-kawza, kif ukoll naqas mill-obbligu tieghu li jipproduci l-provi mehtiega biex il-Qorti tkun tista' tiddetermina l-mertu fi zmien ragonevoli. Wara debita konsiderazzjoni din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li jkun gust illi l-likwidazzjoni tad-danni finalment stabbilita minnha kellha tkun fl-ammont ta' Lm500, liema somma kienet qed tigi determinata arbitrio boni viri u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Naturalment jibqghu ghal kollox impregudikati l-jeddijiet tal-konvenut nomine fir-rigward tal-pretensjonijiet li hu jista' jkollu kontra l-appellant proprio et nomine kif minnu stess indikat fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-kawza kif gej:-

1. tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tis-16 ta' Novembru, 1966, inkwantu dik cahdet it-talba ta' l-attur. Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attrici kif dedotta;

2. Fir-rigward tat-tieni talba tillikwida l-ammont dovut lill-attur mill-konvenut fis-somma ta' Lm500; u

3. Fir-rigward tat-tielet talba tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur din is-somma kif qed tigi hekk likwidata bl-imghax dekorribbli mil-lum.

L-ispejjez tal-kawza, konsidrat l-iter processwali fuq traccjat, kellhom jigu sopportati kif gej:-

Dawk tal-prim'istanza jibqghu a karigu ta' l-attur proprio et nomine kif gia deciz fis-sentenza appellata;

Dawk tas-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-14 ta' April, 1967, kellhom jibqghu bla taxxa kif gia f'dik is-sentenza deciz;

Dawk ta' dan l-appell kellhom ikunu a karigu tal-konvenut nomine.

Dep/Reg

mm